MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 2334/2004

**David Farrugia**

**Vs**

**Awtorita' Dwar it-Trasport Ta' Malta**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab li l-Awtorita' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur l-ammont ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) rapprezentanti l-ammont dovut ghat-tieni sena tal-kors li kien se jaghmel l-attur meta kien impjegat ma' l-Awtorita' kif ahjar spjegat fl-istess Avviz u l-Kuntratt (Dok. A. u Dok. B).

Ra li l-Awtorita' konvenuta rrispondiet li l-attur kellu jigi misluf l-ammont rikjamat u jhallsu lura b'xoghol (cjoe' commitment li jahdem) galadarba ma baqax fl-impjieg il-kuntratt de quo gie fix-xejn.

Fl-Affidavit tieghu l-attur spjega li skond il-Kuntratt B waqt il-kors ta’ l-impjieg tieghu ma’ l-Awtorita’, l-Awtorita’ kienet taghtu *sponsorship* biex isegwi kors. L-Awtorita’ hallset ghall-ewwel sena izda ma hallsitx ghat-tieni sena. L-attur hallas ghat-tieni sena u ghalhekk qieghed jippretendi li l-Awtorita’ thallsu. L-attur spjega li skond il-kuntratt ta’ xoghol, l-Awtorita’ kellha d-dritt li tikkonferti l-kuntratt ta’ l-impjieg tieghu ghal wiehed indefinit izda ghazlet li ma taghmilx hekk u ghalhekk il-kuntratt ta’ xoghol spicca. L-attur qal ukoll li skond il-ftehim li kellu mal-Malta Institute of Management kieku l-attur ma hallasx ghat-tieni sena tal-kors kien ser ikun marbut biex ihallas sittin fil-mija (60%) ta’ elfejn disa’ mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm2,995).

Ra li l-Awtorita’ ma resqet l-ebda provi.

Ra n-Nota ta’ Sottomissjonijiet ta’ l-attur.

**Ikkunsidra**

Illi skond il-ftehim Dok. B a fol 7 tal-process l-Awtorita’ ntrabtet li taghti *sponsorship* u fost affarijiet ohra thallas elf hames mija u hames liri Maltin (Lm1,505) ghat-tieni sena tal-kors. Illi fl-istess ftehim hemm obbligu ghall-attur li jahdem ghal hames snin minn meta jircievi l-ewwel pagament. Illi kienet l-Awtorita’ li ddecidiet li l-attur ma jistax ikompli fl-impjieg tieghu u ghalhekk l-istess Awtorita’ ma tistax tuza l-fatt li l-impjieg gie tterminat bhala skuza biex ma tonorax l-obbligi taghha. Fl-istess ftehim Dok. B, l-Awtorita’ kkunsidrat diversi kazi fejn l-attur kien ikollu l-obbligu li jhallas ammont lura izda m’hemm ebda klawsola li tirregola s-sitwazzjoni fejn l-Awtorita’ ghar-ragunijiet taghha tittermina l-impjieg.

Ghalhekk ir-Risposta hija michuda, jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-Awtorita’ konvenuta sabiex thallas elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) lill-attur bl-ispejjez u bl-imghax mis-17 ta’ Dicembru, 2004 sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjez kontra l-Awtorita’ Dwar it-Trasport ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------